Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR KYLIE BORG, SPETTUR ALFREDO MANGION) V. ANTHONY BORG (KI. 260783M)

MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Diċembru 2020**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Anthony Borg ta' 35 sena iben Peter u Vincenza xebba Cassar, imwieled Birkirkara nhar il-21 ta' Frar 1983, residenti 76 Frank's Flats, liat 2, Triq il-Ġifen, Bugibba u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 260783M ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali maħruġa bis-saħħa tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti, diversement presjeduta, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

wara li rat is-sentenza ta' din il-Qorti, diversement presjeduta, tal-11 ta' April 2019,

wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tat-2 ta' Mejju 2019 li permezz tagħha *inter alia* dik il-Qorti kienet iddeċidiet kif ġej: *"Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi billi tannulla u tħassar is-sentenza appellata u, wara li rat l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali u biex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tal-eżami doppju tal-vertenza, tordna illi l-atti ta' dan il-każ jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex wara li dik il-Qorti tikkonferma mill-ġdid l-ammissjoni tal-appellat, tgħaddi biex tisma' lix-xiehda li jidhrilha xierqa biex tiddetermina jekk l-offiża subita mill-allegata vitma kienetx taqa' taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kodiċi Kriminali u wara tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza tagħha skont il-Liġi."*

wara li rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Lulju 2020, diversement presjeduta, li permezz tagħha astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi,

wara li rat li l-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta,

wara li żammet seduta fl-14 ta' Diċembru 2020 li matulha il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu illi m'hemmx provi aktar x'jinġiebu,

wara li rat l-atti u d-dokumenti kollha,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli:

    1. nhar is-7 t'April 2019 għall-habta ta' nofsinhar ġewwa Ħal-Qormi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Renald Baldacchino f'periklu ċar, kien kompliċi f'delitt u ċioe' ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq l-istess Renald Baldacchino, hekk kif iċċertifika Dr. Karim Abdalla MD,

    2. u aktar talli nhar is-7 t'April 2019 u fix-xahar ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Liġjiet ta' Malta), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

    3. u aktar talli fl-istess żminijiet, u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta), meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni

għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta),

4. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, liema sentenza ingħatat mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Mifsud LL. D nhar il-5 ta' Marzu 2019 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula,

5. U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fis-seduta tal-11 ta' April 2019, skond kif rappurtat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversement presjeduta, ta' dik il-ġurnata stess, l-imputat iddikjara l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu għall-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li kien ngħata iż-żmien skond il-Liġi sabiex jirrikonsidraha. Fl-istess seduta, l-imputat iddikjara ukoll illi kellu biżżejjed żmien biex jerġa jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u l-konsegwenzi serji relatati mal-piena.

3. Wara li din il-Qorti, diversement presjeduta, kienet semgħet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena, hija kienet sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u wara li qieset li:

   1. l-Prosekuzzjoni iddikjarat li l-imputat kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-massimu possibbli;

   2. id-difiża saħqet li l-appellant kellu jibbenefika mill-ammissjoni bikrija reġistrata minnu;

3. il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu li f'dan il-każ iċ-ċirkostanzi kienu jimmilitaw favur piena li ma tkunx dik karċerarja effettiva;

u wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 49, 50, 41, 42(d), 214, 215, 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 7, 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Taqsimiet 4 u 6, it-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda, kif ukoll l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil Anthony Borg fuq ammissjoni tiegħu stess, u bħala reċidiv, għall-piena ta' sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikoli 28A tal-Kodiċi Kriminali, kellhom ikunu sospiżi għal żmien erba snin.

4. Is-sentenza ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali u permezz tas-sentenza tagħha tat-2 ta' Mejju 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *inter alia* iddeċidiet kif ġej:

   *"Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeciedi billi tannulla u tħassar is-sentenza appellata u, wara li rat l-artikolu 428 tal-Kodici Kriminali u biex ma tipprivax lill-appellant mill-benefiċċju tal-eżami doppju tal-vertenza, tordna illi l-atti ta' dan il-każ jerġgħu jintbagħtu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sabiex wara li dik il-Qorti tikkonferma mill-ġdid l-ammissjoni tal-appellat, tgħaddi biex tisma' lix-xiehda li jidhrilha xierqa biex tiddetermina jekk l-offiża subita mill-allegata vitma kienetx taqa' taħt l-artikolu 216 jew 218 tal-Kodiċi Kriminali u wara tgħaddi biex tippronunzja s-sentenza tagħha skont il-Liġi."*

5. Fis-6 ta' Lulju 2020, din il-Qorti diversement presjeduta, ħarġet digriet li permezz tiegħu astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dawn l-atti u bagħtithom lir-Reġistratur sabiex jiġu assenjati skond il-liġi.

6. L-atti ta' din il-kawża ġew sussegwentement assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

7. Din il-Qorti żammet seduta fl-14 ta' Diċembru 2020 li matulha il-Prosekuzzjoni u d-Difiża qablu illi m'hemmx provi aktar x'jinġiebu.

8. Minn dan kollu jirriżulta lill-Qorti li ma' nġiebux provi biżżejjed sabiex jiġi sostnut ir-reat tal-offiża gravissima fuq il-persuna ravviżata fl-Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

9. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, fuq ammissjoni tiegħu stess u wara li rat l-artikoli 17, 31, 28A, 49, 50, 41, 42(d), 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 7, 21 u 23 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Taqsimiet 4 u 6, it-Taqsima 1 tal-Ewwel Skeda, kif ukoll l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat bħala reċidiv, għall-piena ta' sentejn priġunerija li pero bl-applikazzjoni tal-Art. 28A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' erba' snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | M. Azzopardi |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |